Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 387/2014

**Mario Farrugia**

**Vs**

**Nathaniel Attard bhala editor tal-gazzetta 'In-Nazzjon'**

16 ta' Marzu, 2018.

1. Permezz ta' avviz prezentat fit-28 ta' Novembru, 2014 l-attur talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex issib lill-konvenut hati ta' malafama bl-artiklu *'Il-Gvern isejjah lura Pulizija tal-SMU'* pubblikat fis-26 ta' Novembru, 2014 fil-gazzetta 'In-Nazzjon', u sabiex il-qorti tillikwida d-danni.

2. Bi twegiba prezentata fit-18 ta' Dicembru, 2014 l-intimat wiegeb illi:

   i. L-artiklu m'huwiex libelluz u/jew malafamanti fil-konfront tal-attur u ma jirrapprezentax fatti inveritjieri u ghalhekk, ma kienx intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

   ii. Il-kontenut tal-artiklu lamentat jikkonsisti biss f'fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li ghalhekk, jikkonsistu *fair comment*, kritika accettabbli f'socjeta' demokratika u ezercizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancita', *inter alia*, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. B'sentenza tad-19 ta' Jannar, 2017 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u filwaqt li ddikjarat li saret malafama kkundannat lill-konvenut ihallas danni fl-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000).

4. B'rikors prezentat fis-6 ta' Frar, 2017 il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravji huma:-

   i. L-Ewwel Qorti kkunsidrat espressjoni ta' opinjoni bhala *statement of fact* meta stabbiliet li l-uzu tal-aggettiv *"...mill-aktar horox ..."* kien wiehed li l-artikolist appellant uza bhala stat ta' fatt sabiex jimmalafama lill-appellat. Din il-konsiderazzjoni hi ghal kollox zbaljata tenut kont il-fatt li din il-frazi kienet (i) espressjoni ta' opinjoni li giet ipprezentata carament bhala tali lill-qarrej ordinarju (ii) parti minn

kumment li sors anonimu tal-artikolist appellant ghamel rigward l-appellat;

ii. L-Ewwel Qorti kkunsidrat din l-istess espressjoni ta' opinjoni bhala libelluza u malafamanti meta fil-fatt ma kinitx, stante li din l-espressjoni ma kinitx ta' natura gravi bizzejjed sabiex tkun malafamanti u jekk kien hemm xi konnotazzjonijiet hziena, dawn irrizultaw mill-fatt li l-appellat kien fil-passat jifforma parti mill-SMU bil-fama li dan il-unit kellu, u mhux mill-uzu ta' dan l-aggettiv;

iii. In kwantu l-likwidazzjoni tad-danni, l-ammont stabbilit mill-Ewwel Qorti kien wisq gholi tenut kont ic-cirkostanzi rilevanti kollha, inkluz il-pagna fejn gie pubblikat l-artikolu, il-fatt li ma ngabet l-ebda prova tad-danni allegatament sofferti mill-appellat li zamm l-istess impjieg fi hdan il-Korp wara l-pubblikazzjoni tal-artikolu lamentat, il-fatt li minn artikolu stess, l-appellat ilmenta biss minn frazi wahda, kif ukoll il-fatt li l-Ewwel Qorti stess irrikonoxxiet li l-fatti kif rappurtati kienu essenzjalment korretti;

5. Il-konvenut wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

7. Il-kaz jirrigwarda artiklu pubblikat fil-gazzetta 'In-Nazzjon' bit-titlu *"il-Gvern isejjah lura Pulizija tal-SMU"*, fejn inkiteb li l-attur kien iddahhal lura fil-Korp tal-Pulizija u

   *Mario Farrugia kien fl-Ispecial Mobile Unit (SMU) fi zmien l-aghar hruxijiet kontra partitarji Nazzjonalisti. Fil-fatt, ufficjali rtirati qalulna li, "dan l-ufficcjal kien wiehed mill-aktar horox fl-attitudni tieghu meta hu kien fl-SMU".*

8. L-*employment history* tal-attur fil-korp tal-pulizija hu:-

   - 12 ta' April, 1986 – fil-kwartieri generali tal-pulizija;
   - 12 ta' Mejju, 1986 – fil-Licensing Office;
   - 30 ta' Marzu, 1987 – fl-SMU;
   - 18 ta' Settembru, 1987 – irrizenja;
   - 15 ta' Mejju, 2014 – rega' beda jahdem mal-pulizija;
   - 16 ta' Mejju, 2014 – Rapid Intervention Unit.

9. Fl-artiklu l-appellant kien deskritt bhala wiehed mill-ufficjali li kien mill-iktar horox fil-perjodu li kien jifforma parti mill-SMU. Hu evidenti li l-awtur kiteb b'mod li qed jikkwota sors anonimu. L-attur ghazel li ma jixhedx. Ghalhekk m'huwiex maghruf kif wasal biex jiddeciedi li ghandu jistrieh fuq dak li

suppost qallu s-sors, u x'ricerka aghmel sabiex jiddetermina li dak is-sors kien *'reliable'*. Il-qorti ma tippretendix li l-attur kellu jizvela s-sors tieghu. Inoltre', il-kritika dwar materja ta' interess pubbliku hi parti essenzjali mix-xoghol ta' gurnalist. Madankollu, ma tressqet l-ebda prova li tista' tillegittima dak li nkiteb dwar l-attur.

10. Il-qorti ghandha dubji serji dwar x'influwenza seta' kellu l-attur f'dik it-taqsima meta tikkunsidra li kien ghadu zaghzugh li kien ghadu ser jaghlaq 22 sena u beda jahdem maghha fit-30 ta' Marzu, 1987, u mbaghad wara l-elezzjoni tad-9 ta' Mejju, 1987 inqaleb il-Gvern u l-SMU ma baqatx topera.

11. Meta xehed, l-attur qal li l-uniku attivita' politika li fiha kien *duty* kien fir-Rabat meta nqalghu incidenti xejn sbieh ma' partitarji Nazzjonalisti. Pero' spjega wkoll li dakinhar kien hadem bhala xufier ta' vettura u ma kienx armat. Prova li ma gietx kontradetta.

12. Hu fatt maghruf li s-*Special Mobile Unit* kienet involuta f'incidenti ta' natura politika li kienu jinvolvu partitarji tal-Partit Nazzjonalist. Fatt li accetta l-istess attur. Din ma kinitx skwadra li titratta lin-nies b'ingwanti tal-harir. Il-qorti ssibha ferm difficli temmen lill-attur meta xehed, *"Jiena ma nistax nghid jekk kienx hemm twemmin ta' persuni Nazzjonalisti jew persuni Laburisti"*. Hu veru li dak iz-zmien l-attur kien ghadu zaghzugh, pero' kull min ghex f'dawk iz-zminijiet kien jaf li dik it-taqsima specjali kienet tintuza mill-Gvern ta' dak iz-zmien f'attivitajiet ghall-pubbliku li kien jorganizza l-Partit Nazzjonalista.

13. Pero' hu minnu wkoll li ma saret l-ebda prova li perjodu qasir hafna li l-attur dam jahdem f'din it-taqsima, kellu xi incidenti ma' partitarji tal-Partit Nazzjonalista.

14. Fil-fehma tal-qorti, il-kliem *"ufficjal li kien **wiehed mill-aktar horox fl-attitudni tieghu meta hu kien fl-SMU**"* u ***"Dan Pulizija li kien wiehed mill-aktar horox man-Nazzjonalisti"***, kienu jehtiegu prova li l-attur kien involut f'incident li kellhom konnatazzjoni politika, biex jigi ttimbrat b'dak il-mod. Pero' provi ma tressqux.

15. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li dak li gie rapportat fil-konfront tal-attur, intqal bhala fatt. Tant hu hekk li l-artikolist ikkwota dak li suppost qalulu ufficjali rtirati tal-pulizija, tant hu hekk li hu stampat f'parentesi. Ghalhekk l-artikolist ma kienx qieghed jesprimi opinjoni izda *statement of fact*.

16. Fl-ewwel eccezzjoni, il-konvenut iddikjara:

*"1. Illi l-kontenut tal-artikolu lamentat mhux libelluz u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u* ***ma jirraprezentanx fatti inveritjieri*** *u ghalhekk, ma kienx intiza sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-attur"*.

17. Minn din l-eccezzjoni l-qorti tifhem li l-konvenut invoka d-difiza tal-verita tal-fatti. Prova li kellha ssir minnu. Gialadarba ma saritx tali prova, il-konvenut ma setax jirnexxi f'dik id-difiza.

18. Il-konvenut isostni li dak li kiteb kien kumment. Ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaccetta din it-tezi, kumment irid ikun bazat fuq fatti. L-uniku fatti li mhumiex kontestati hu li:

    i. L-attur ghamel ftit iktar minn xahar jifforma parti mill-SMU;
    ii. It-taqsima *Special Mobile Unit* kienet matul is-snin tmenin involuta f'incidenti vjolenti ma' partitarji Nazzjonalisti.

    Pero' b'daqshekk zgur li ma jfissirx li l-attur kien wiehed mill-aktar horox fil-konfront tal-partitarji Nazzjonalisti.

19. B'dak li nkiteb fl-artiklu l-qarrej inghata x'jifhem li l-attur kien wiehed mill-iktar persuni kattivi u iebsin fit-taqsima *Special Mobile Unit* u bl-atteggament iebes tieghu sofrew partitarji tal-Partit Nazzjonalista. Ghalhekk il-qorti ma tistax taqbel mal-appellant li dak li kiteb dwar il-l-attur hu *'kliem inokwu'*. Dan iktar u iktar meta tqis li fis-sena 2014 l-attur rega' mpjega ruhu fil-korp tal-pulizija.

20. L-ewwel qorti kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) bhala danni. Il-konvenut jilmenta li din is-somma hi eccessiva meta tqis li:

    - Irrikonoxxiet li l-fatti li jissemmew fl-artiklu, kienu essenzjalment korretti;
    - Dak li nkiteb gie stampat f'gazzetta ta' 32 pagna ta' gazzetta li ghandha cirkolazzjoni limitata;
    - Minn dak kollu li nkiteb, kien biss fir-rigward ta' frazi wahda li l-appellat qal li saret malafama;
    - L-appellat seta' facilment talab li jezercita d-dritt ta' risposta minnu, izda dan m'ghamlux;
    - L-appellat ma gabx prova tad-dannu li allegatament sofra;
    - L-appellat zamm l-impieg tieghu;
    - Id-dannu li sar lir-reputazzjoni tal-appellat jirrizulta mill-fatt li fil-passat kien jaghmel parti mill-SMU;

21. L-ewwel qorti ma spjegatx x'wassalha sabiex tillikwida s-somma ta' €3,000 bhala danni. Fil-likwidazzjoni ta' danni morali, hemm element qawwi ta' diskrezzjoni, iktar u iktar meta tikkunsidra l-ammont massimu li l-ewwel qorti

tista' tkunndanna konvenut li jhallas skont l-artikolu 28 tal-Kap. 248 li ma jkunux danni attwali.

22. Wara l-qorti qieset li:

- L-attur m'huwiex persuna pubblika;
- M'hemmx prova li wara li f'Mejju 1987 inibdel il-Gvern, ittiehdu xi passi dixxiplinarji kontra l-attur;
- Ma tressqet l-ebda prova li l-attur qatt kien involut f'xi kaz relatat ma' uzu ta' forza jew vjolenza fil-konfront ta' partitarji tal-Parti Nazzjonalista;
- Il-perjodu ferm qasir li l-attur dam jahdem f'dik it-taqsima sakemm fil-bidu ta' Mejju 1987 inibdel il-Gvern, meta allura dik it-taqsima giet *disbanded;*
- Fl-2014 l-attur rega dahal jadem mal-pulizija. Taht it-titlu tal-artiklu hemm stampat il-kliem, *"Dan Pulizija li kien wiehed mill-aktar horox man-Nazzjonalisti"*. Kliem li huma attakk car ghar-reputazzjoni tal-attur bhala pulizija;

ma tistax tikkonkludi li d-danni likwidati huma eccessivi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.